**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` Jannar 2018**

**Kawza Nru. 6**
**Rikors Nru. 843/16 JZM**

**Fl-atti tac-Cedola ta` Depositu numru 838/2013 fl-ismijiet:-**

**Jesmond Mizzi Financial Advisors Limited**

***vs***

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***vs***

**Paul u Maria Dolores mizzewgin Fenech (K.I. numri 459165M u 379463M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li pprezentat Bank of Valletta p.l.c. (C2833) fit-23 ta` Settembru 2016 li jaqra hekk :–

*Illi bic-Cedola ta` Depositu fl-ismijiet fuq imsemmija giet depositata taht l-Awtorita` ta` Din l-Onorabbli Qorti s-somma ta` tnejn u disghin elf, mija u erbgha u tmenin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€92.184.56) li gew mill-bejgh ta` `Nominal 85,470.00 Malta Government Stock 6.4% 2014 (III)` u li jappartjenu lill-intimati, liema ammonti kienu jinsabu mirghuna ghaf-favur tas-socjeta` esponenti Bank of Valletta p.l.c.;*

*Illi fuq l-imsemmija somma qed jippretendu jeddijiet aktar minn zewg kredituri u ghalhekk l-esponenti m`ghandhiex triq ohra hlief, salv li zzomm fermi d-drittijiet taghha kontra dawk il-kredituri li qeghdin jitolbu l-izbank mill-esponenti tas-somma mirghuna favur taghha, hija titlob il-ftuh ta` Konkors ta` Kredituri;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha, ai termini tal-Artikolu 416(1) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proceduri Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet, Tordna l-ftuh ta` Konkors ta` Kredituri, kollox taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha Tordna u Timponi.*

Rat id-digriet li tat fl-1 ta` Gunju 2017 fejn Bank of Valletta plc, Paul Camilleri, Alberta Fire and Security Equipment Limited, Tamarac Limited u Perit Stephen Serracino Inglott kienu ammessi biex jikkonkorru bhala kredituri ta` d-debituri Paul u Maria Dolores konjugi Fenech ghall-fini tac-cedola ta` depositu numru 838/2013.

Rat il-provi li ngabru fil-kors ta` dan il-procediment.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri tal-kredituri konkorrenti.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta` Novembru 2017 il-procediment thalla ghall-provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra ta` l-procediment tal-lum.

## II. <u>Il-kredituri konkorrenti</u>

## II. Il-bejgh b`subbasta

Jirrizulta mill-atti tas-subbasta numru 22/2012 fl-ismijiet *Bank of Valletta plc vs Paul Fenech et* illi bis-sahha ta` dak il-procediment sar il-bejgh ta` Nominal 85,470.00 Malta Government Stock 6.45% 2014 (II).

Jirrizulta li Bank of Valletta plc kellu b`rahan l-ghadd ta` 50,000 Malta Government Stock 6.45% 2014 (II) li kienu tad-debituri Fenech biex jaghmlu tajjeb ghas-self li kien koncess lilhom mill-Bank.

Jirrizulta li wara sar il-bejgh, Jesmond Mizzi Financial Advisors Limited ipprezentat c-cedola ta` depozitu numru 838/2013 tal-ammont ta` €92,184.56 u ndikat li dak l-ammont kien jirrapprezenta l-bejgh ta` Nominal 85,470.00 Malta Government Stock 6.4% 2014 (III).

Jirrizulta li meta l-Bank ipprezenta r-rikors skont l-Art 416(1) tal-Kap 12 irrefera ghac-cedola ta` depozitu.

Jirrizulta manifest illi d-deskrizzjoni tal-*stock* mibjugh kif dettaljat fic-cedola kien zbaljat fis-sens illi si trattava ta` Nominal 85,470.00 Malta Government Stock 6.45% 2014 (II) mhux ta` Nominal 85,470.00 Malta Government Stock 6.4% 2014 (III).

Huwa probabbli illi meta l-Bank ipprezenta r-rikors irrefera ghal dak li kienet tghid ic-cedola bla ma saret verifika tad-dfeskrizzjoni tal-*stock*.

Il-Qorti qeghda tissenjala dan il-fatt ghall-fini ta` precizjoni mhux ghaliex jincidi fuq ir-regolarita` tal-procediment odjern billi l-identita` tal-*stock* mibjugh bis-subbasta u l-*stock* li kien b`rahan ghand il-Bank huwa l-istess.

## III. Il-krondituri konkorrenti

Il-krondituri li kienu ammessi minn din il-Qorti sabiex jikkonkorru ghall-ammont mertu tac-cedola huma :-

Bank of Valletta plc ;

Paul Camilleri ;
Alberta Fire and Security Equipment Limited ;
Tamarac Limited ; u
Perit Stephen Serracino Inglott.

## IV. L-Art 416 tal-Kap 12

Il-proceduta tal-konkors tal-kredituri hija regolata bl-Art 416 tal-Kap 12 li jaqra hekk :-

> *(1) Meta fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri, ikunu gew iddepozitati flus, illi fuqhom izjed minn zewg persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta` haddiehor jew qabilhom, jew xi interess iehor, il-qorti, fuq rikors ta` wiehed minn dawk il-pretendenti, tordna, bil-mezz tar-registratur, li, f`gazzetta wahda jew izjed, fosthom f`kull kaz il-Gazzetta tal-Gvern, jigi mahrug avviz li jgharraf b`dak id-depozitu u b`dawk il-pretensjonijiet fuqu u illi jsejjah lil kull min jista` jkollu interess sabiex igib `il quddiem il-jeddijiet tieghu fi zmien xahar ; u meta jaghlaq dak iz-zmien ebda persuna, illi ma tkunx dehret f`dak iz-zmien, ma tista` twaqqaf jew xort`ohra zzomm il-kawza ta` konkors milli tigi deciza bejn dawk li jkunu dehru.*
>
> *(2) Fl-avviz hawn fuq imsemmi ghandu jkun hemm il-jum li fih, wara li jaghlaq l-imsemmi zmien ta` xahar, il-partijiet interessati kollha li jkunu giebu `l quddiem il-pretensjonijiet taghhom, ghandhom jidhru fil-qorti ghas-smigh tal-kawza.*
>
> *(3) F`affarijiet tal-kummerc, iz-zmien hawn fuq imsemmi jista` jigi mqassar daqs kemm il-qorti jidhrilha li jkun bizzejjed.*
>
> *(4) Bl-avviz hawn fuq imsemmi ghandhom ikunu nnotifikati d-depozitanti, id-debitur, il-kredituri esekutanti kif ukoll kull kreditur iehor li fuq talba tieghu jkun gie mahrug mandat ta` sekwestru.*

Huwa evidenti mis-subartikolu (1) illi sabiex tista` tiskatta l-procedura irid ikun hemm izjed minn zewg persuni li jkunu jippretendu li ghandhom jeddijiet aqwa fuq il-flus li jkunu gew iddepositati that l-awtorita` tal-qorti. Fil-kaz tal-lum, dan ir-rekwizit huwa ppruvat.

## V. Provi dwar il-krediti

**George Cassar White** - Senior Relationship Manager ta` Bank of Valletta plc fid-Dipartiment tar-Recoveries – xehed illi d-debituri konjugi Fenech kienu nghataw *loan* ta` EUR 150,011.65 bl-iskop li *"originally to take over liabilities presently held on the overdraft and loans 1 and 2".* Din il-facilita` kellha tithallas permezz ta` pagamenti mensili ta` EUR 1,341.72c. Inghataw ukoll *loan* ta` EUR 23,293.73c bl-iskop li *"originally to pay outstanding privileged creditors".* Din tal-ahhar kellha tithallas permezz ta` pagamenti mensili ta` EUR 463.44 u thallset fis-6 ta` April 2010.

Kompla jixhed illi in kawtela tas-self, saru : (a) rahan favur Bank of Valletta plc fil-5 ta` Lulju 2001 fuq 27,000 sehem ta` 6.45% MGS 2014(II) ; (b) rahan favur il-bank datat 14 ta` Jannar 2002 fuq 10,000 sehem ta` 6.45% MGS 2014(II) ; (c) rahan favur il-bank datat 27 ta` Settembru 2002 fuq 5,000 sehem ta` 6.45% MGS 2014(II) ; u (d) rahan favur il-bank datat 11 ta` Novembru 2003 fuq 8,000 sehem ta` 6.45% MGS 2014(II).

Ipprezenta kopja tal-atti tas-subbasta meta nbieghu l-ishma li kienu b`rahan ghand il-Bank.

Kompla jixhed illi wara li saret is-subbasta u nbieghu l-ishma li kienu ghand il-Bank b`rahan, saret talba mill-Bank sabiex jizbanka. B`digriet tat-23 ta` Mejju 2014, il-Qorti laqghet it-talba biex il-Bank jeffettwa l-izbank, izda meta gie biex isir l-izbank tas-somma depozitata ta` EUR 92,184.56, id-Direttur Generali (Qrati Civili u Tribunali) u r-Registratur tal-Qorti rrifjutaw li jirrilaxxjaw il-flus lill-Bank minhabba mandati ta` sekwestri kontra d-debituri fejn ir-Registratur tal-Qorti kien sekwestratarju. Il-posizzjoni tar-Registratur kienet illi l-mandati ta` sekwestru kienu ordnijiet tal-qorti daqs id-digriet tat-23 ta` Mejju 2014.

Stqarr illi l-Bank ipprezenta protest gudizzjarju kontra d-Direttur Generali tal-Qrati u is-sekwestratarji. Minkejja li l-att kien notifikat, dak dovut lill-Bank baqa` ma kienx sodisfatt. Ghalhekk kienet istitwita t-talba ghall-konkors.

**Perit Stephen Serracino Inglott** xehed li huwa ta inkariku lil Paul Fenech fl-2006 sabiex jaghmel l-aperturi tad-dar tieghu u ghal dan hallas depozitu. Billi Paul Fenech ma onorax l-obbligi tieghu, huwa ghamel kawza kontra Fenech fit-Tribunal tal-Konsumatur biex jirkupra dak li kien hallas. Fit-18 ta` Marzu 2009, it-Tribunal tal-Konsumatur ta sentenza fejn Paul Fenech kien ordnat ihallas lura d-depozitu ta` EUR 1,816.91.

Kompla jixhed illi fit-23 ta Gunju 2011 sar mandat ta` sekwestru kontra Fenech. Sa dakinhar, bl-ispejjez u l-imghax, huwa kellu jigbor EUR 2,361.99c. Bil-mandat b`kollox ma rnexxielu jigbor xejn.

Stqarr illi fl-2016, huwa rcieva ittra mill-Bank of Valletta plc fejn kien avzat illi kien ser ikun espost ghal danni jekk huwa ma jaghtix il-kunsens tieghu sabiex il-Bank jizbanka flus li kienu depozitati taht l-awtorita` tal-qorti. Huwa baqa` tal-fehma li l-Bank ma kellu ebda dritt ta` azzjoni kontra tieghu.

Imbaghad saret il-procedura tal-konkors.

Qal li huwa ghandu jigbor EUR 3,258.32c liema ammont ikopri s-sorte, l-ispejjez, kif ukoll l-imghax ikkalkolat mit-18 ta` Marzu 2009 sat-18 ta` Awissu 2017.

**Andre` Sammut** – Credit Control Manager - Alberta Fire and Security Equipment Limited – xehed illi Paul Fenech f`ismu proprju u fl-isem ta` Paul Fenech Woodworks huwa debitur ta` Alberta Fire and Security Equipment Limited fl-ammont ta` EUR 9,154.56, bilanc tal-prezz dovut ghal materjal u servizzi konsenjati, installati u rezi fuq inkariku tieghu.

Permezz ta` ftehim tas-27 ta` April 2011, Paul Fenech iddikjara ruhu bhala debitur veru, cert u likwidu ta` Alberta Fire and Security Equipment Limited fis-somma ta` EUR 9,793. Dan l-ammont baqa` ma thallasx, minkejja interpellazzjoni b`ittra ufficjali numru 658/2010 datata 16 ta` Marzu 2010 skont l-Art 166A tal-Kap 12. Din l-ittra ufficjali kienet notifikata lil Paul Fenech fit-22 ta` Marzu 2010. Ma kienx hemm risposta ghal din l-itrra ufficjali.

Kompla jixhed illi Alberta Fire and Security Equipment Limited ghamlet kawza numru 25/2011/GV kontra Paul Fenech li kienet deciza fil-31 ta` Jannar 2012. L-ammont totali dovut inkluz imghaxijiet u spejjez legali dovuti minn Paul Fenech jammontaw ghal EUR 15,186.66c [EUR 9,154.56c bhala sorte ; EUR 1,134.28 bhala spejjez ; u EUR 4,897.82 bhala imghax bit-8% dekorribbli mill-25 ta` Jannar 2011 sal-4 ta` Ottubru 2017].

**<u>Paul Camilleri</u>** xehed illi huwa kien impjegat ta` Paul Fenech.

Permezz ta` ittra ufficjali skont l-Art 166A tal-Kap 12 tas-17 ta` Mejju 2011, Paul Fenech kien interpellat sabiex ihallsu EUR 6,500.44c, ammont cert, likwidu u dovut bhala salarju bejn 1 ta` Gunju 2009 u 12 ta` Novembru 2010.

Kompla jixhed illi Paul Fenech kien ikkundannat ihallas EUR 3,837 u EUR 2,564.48c permezz ta` zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fil-kawzi fl-ismijiet : *Il-Pulizija (Maggur John Chalker) vs Paul Fenech* u *Il-Pulizija (Spettur Stephen Micallef) vs Paul Fenech* tal-21 ta` Lulju 2010 u tat-18 ta` Novembru 2011 rispettivament a tenur ta` l-Art 45(2) tal-Kap 452.

Stqarr illi wara talba li ghamel, fit-13 ta` Lulju 2011, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat il-hrug ta` mandat ta` sekwestru numru 2057/2011 kontra Paul Fenech ghall-kreditu infraskritt u in ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv li kiseb bis-sahha ta` l-ittra ufficjali skont l-Art 166B tal-Kap 12. Cio` nonostante baqa` ma thallas xejn.

Ikkonferma li ghadu kreditur ta` Paul Fenech fl-ammont ta` EUR 6,500.44, oltre imghaxijiet ulterjuri mit-13 ta` Lulju 2011 sad-data tal-pagament effettiv, u l-ispejjez gudizzjarji.

**<u>Av. Dr. Henry Antoncich</u>** xehed illi s-socjeta` Legnopiu` Limited Limited amalgamat mas-socjeta` Tamarac Limited b`effett mill-1 ta` Jannar 2013.

Xehed illi Legnopiu` Limited kienet kanonizzata kreditrici ta` Paul u Maria Dolores konjugi Fenech *in solidum* bejniethom in forza ta` sentenza moghtija mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta` Jannar 2009 fil-kawza fl-ismijiet *Stephen Mifsud noe vs Carpa Limited et* Ref. 1182/2008 FS. Din

irrendiet ezegwibbli mill-gdid is-sentenza li kienet inghatat mill-Prim` Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta` Gunju 1997 fil-kawza fl-istess ismijiet Ref. 415/1997 GC.

L-ammont dovut lil Legnopiu Limited kien jammonta komplessivament ghal EUR 54,687.24c in kwantu ghal EUR 20,300 bhala sorte ; EUR 33,070.13c bhala imghaxijiet legali kalkolati mit-3 ta` Gunju 1997 skont is-sentenza tat-3 ta` Gunju 1997 ; u in kwantu ghal EUR 1,317.24c bhala spejjez gudizzjarji taz-zewg kawzi .

Qal ukoll li Legnopiu Limited kienet irregistrat fis-27 ta` Marzu 2011 l-ipoteka generali numru 3742/2011.

**Emanuel Sciriha** – Direttur Qrati Civili u Tribunali – xehed illi Bank of Valletta plc ipprezentat rikors ghal zbank fl-atti tac-cedola ta` depozitu numru 838/13 fl-ismijiet *Jesmond Mizzi Financial Advisors Ltd vs Bank of Valletta plc.* In segwitu ghal dan ir-rikors, inghata digriet fit-23 ta` Mejju 2014 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Kompla jghid illi Bank of Valletta plc talbet lir-Registratur tal-Qorti biex jizbanka l-ammont. Ir-Registratur irrifjuta li jirrilaxxja l-flus. Ir-raguni tar-rifjut kienet ghaliex kien hemm zewg mandati ta` sekwestru kontra Paul Fenech fejn ir-Registratur huwa sekwestratarju. Kienu mandati ta` sekwestru li kienu saru minn Stephen Serracino Inglott u Arms Limited.

Spjega li qabel r-rikors ghall-izbank mic-cedola ttella` quddiem il-Qorti biex jigi dekretat, ir-Registratur ma kienx indika lill-Qorti z-zewg sekwestri li rrefera ghalihom. Ir-Registratur jaghmel verifika ta` jekk hemmx mandati ta` sekwestru meta jkun gie mitlub biex jirrilaxxja l-flus. Iz-zewg mandati ta` sekwestri kienu jipprecedu t-talba ghall-izbank u ghalhekk ir-Registratur tal-Qorti kien diga` sekwestratarju. Sostna li Bank of Valletta kien sekwestratarju wkoll u ghalhekk kien jaf b` dawn il-mandati ta` sekwestru minkejja li ma semma xejn fir-rikors ghal zbank. Sostna li mandati ta` sekwestri huma atti pubblici li jarahom kulhadd.

Fil-**kontroezami**, huwa spjega li r-Registratur ma setax jitlaq flus minn idejh favur il-Bank of Valletta ghaliex kien hemm mandati ta` sekwestri ohra dwar flus li qeghdin ghand ir-Registratur.

## VI. L-apprezzament tal-prova tal-krediti

### a) Bank of Valletta plc

Jirrizulta li d-debituri Fenech ottjenew self mill-Bank of Valletta (ara fol 117 sa 120). Dan is-self kien ikkawtelat billi sar rahan favur il-Bank (i) ta` 27,000 sehem ta` 6.45% MGS 2014(II) datat 5 ta` Lulju 2001 (ara fol 121 sa 126) ; (ii) ta` 10,000 sehem ta` 6.45% MGS 2014(II) datat 14 ta` Jannar 2002 (ara fol 127 sa 130) ; (iii) 5,000 sehem ta` 6.45%MGS 2014(II) datat 27 ta` Settembru 2002 (ara fol 131 sa 134) u (iv) 8,000 sehem ta` 6.45% MGS 2014(II) datat 11 ta` Frar 2003 (ara fol 135 sa 141). Id-dejn jammonta ghal EUR 118,805.03 flimkien ma` l-ispejjez legali u ma` l-imghaxijiet ulterjuri mill-21 ta` Ottubru 2011 sal-jum tal-pagament effettiv.

### b) Paul Camilleri

Jirrizulta li dan il-kreditu favur Paul Camilleri twieled minn relazzjoni ta` impjieg li kellu mad-debitur. Fil-fatt il-kreditu ta` EUR 6500.44c kienu salarji mhux imhallsa ghaz-zmien ta` bejn l-1 ta` Gunju 2009 u t-12 ta` Novembru 2010. Kienu prezentati zewg sentenzi li nghataw mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali kontra Paul Fenech decizi fil-21 ta` Lulju 2012 (ara fol 38 sa 40) u 18 ta` Novembru 2011 (ara fol 44 sa 46). Fenech kien ikkundannat ihallas lil Paul Camilleri l-ammonti ta` EUR 3,837 u EUR 2,564.48c rispettivament. Saret ittra ufficjali skont l-Art 166A tal-Kap 12 fis-17 ta` Mejju 2011 ghas-somma ta` EUR 6500.44c liema ittra kienet reza ezekuttiva fit-28 ta` Gunju 2011 (ara fol 26). In segwitu sar mandat ta` sekwestru ezekuttiv ghall-istess ammont fit-13 ta` Lulju 2011 (ara fol 29).

### c) Alberta Fire & Security Equipment Limited

Il-kreditu huwa ta` EUR 9,154.56 flimkien ma` spejjez u imghaxijiet skont sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet *Alberta Fire and Security Equipment Limited vs Paul Fenech pro et noe* Ref 25/2011 (ara fol 88 sa 93). L-azzjoni kienet preceduta b`ittra ufficjali skont l-Art 166A tal-Kap 12 li kienet ikkontestata mid-debitur (ara fol 202 sa 207). Sar ukoll ftehim dwar kostituzzjoni ta` debitu fis-27 ta` April 2011 (ara fol 200 sa 201).

### d) Tamarac Limited

Jirrizulta li Legnopiu` Limited (li kienet amalgamata ma` Tamarac Limited) [ara fol 49] hija kreditrici tal-konjugi Fenech fis-somma ta` EUR 20,330 bhal sorte in forza ta` sentenza moghtija fis-26 ta` Jannar 2009 fil-kawza fl-ismijiet *Stephen Mifsud noe vs Carpa Limited et* (Rik Gur. Nru. 1182/2008 FS) (ara fol 51 sa 53). Din id-decizjoni rrendiet ezegwibbli mill-gdid is-sentenza li kienet inghatat fit-3 ta` Gunju 1997 fil-kawza fl-ismijiet *Stephen Mifsud noe vs Carpa Limited et* (Citaz Nru 415/1997 GC) (ara fol 222 sa 228). Kienet kostitwita ipoteka generali numru 3742/2011 fis-17 ta` Marzu 2011 (ara fol 54).

**e) <u>Perit Stephen Serracino Inglott</u>**

Jirrizulta li dan il-kreditur kiseb favur tieghu decizjoni fit-18 ta` Marzu 2009 mit-Tribunal tal-Konsumatur fil-procediment fl-ismijiet *Stephen Serracino Inglott vs Paul Fenech Woodworks* (Avv. 228/08) [ara fol 69 sa fol 70]. Sar ukoll mandat ta` sekwestru ezekuttiv numru 1859/11 (ara fol 68).

## VII. <u>Gradwazzjoni tal-krediti</u>

Skont id-dokument esebit a fol 142 bl-isem *sale contract note* jirrizulta illi sar bejgh ta` 85,470.00–il sehem ta` Malta Government Stock 6.45% 2014 (II). Kull sehem irrizulta li nbiegh ghall-prezz ta` EUR 1.0789, peress li 85,470.00 l-ishma rrendew EUR 92,213.58c. Kien hemm imbaghad imghax akkumulat ghal 25 gurnata ammontanti ghal EUR 374.51c izda kellhom jitnaqqsu mill-ammont globali EUR 4.40 bhala *transaction charge* u EUR 327.76c bhala *commissions* sabiex biex b` hekk ir-rikavat nett ta` l-bejgh kien ta` EUR 92,255.83c.

Ghar-rigward tal-kreditu ta` Bank of Valletta plc, il-Qorti ser toqghod fuq ix-xiehda tar-rapprezentant tal-Bank, u fuq id-dokumenti li pprezenta partikolarment Dok GVW 1 a fol 117 sa 120 tal-process. Din hija l-ittra ta` self fejn kien indikat ir-rahan hareg favur il-Bank ghar-rigward tal-ishma partikolari.

Kif ikkonferma bil-gurament George Cassar White, ir-rahan kien kostitwit ghal <u>50,000</u> sehem mill-Malta Government Stock 6.45% 2014 (II) u cioe` :-

> *Ref: 05 1380 Pledge on 8000 units of 6.45% MGS 2014 (II) – MT 10992, given by Paul and Maria Dolores Fenech on the 11/02/2003.*
>
> *Ref: 05 1381 Pledge on 5000 units of 6.45% MGS 2014 (II) – MT 10992, given by Paul And Maria Dolores Fenech on the 27/09/2002.*
>
> *Ref: 05 1382 Pledge on 10000 units of 6.45% MGS 2014 (II)– MT 10992, given by Paul And Maria Dolores Fenech on the 14/01/2002.*
>
> *Ref: 05 1383 Pledge on 27000 units of 6.45% MGS 2014 (II) – MT 10992, given by Paul And Maria Dolores Fenech on the 05/07/2001.*

Il-Qorti tosserva li c-cedola tirreferi ghal Malta Government Stock 6.4% 2014(III). Fis-*sale contract note* annessa mac-cedola (a fol 34 tal-atti tas-subbasta numru 22/2012 kif ukoll a fol 142 tal-process odjern), jinghad illi l-*stock code* huwa MGS 6.45% 2014 (II).

Kif diga` osservat aktar kmieni, huwa evidenti li qed issir referenza ghall-istess *stocks* tal-Gvern, minkejja differenzi ndikati.

Pero` mhux l-istess jista` jinghad dwar il-kwantita` ta` ishma li gew moghtija bi *pledge* lill-Bank.

Fl-erba` skritturi li ssir referenza ghalihom mill-Bank, ossija dawk datati 5 ta` Lulju 2001, 14 ta` Jannar 2002; 27 ta` Settembru 2002 u 11 ta` Frar 2003, jirrizulta li l-ammonti ta` *units* li gew kawtelati ghad-debiti ta` Paul u Maria Dolores mizzewgin Fenech kienu fl-ammont ta` 27,000, 10,000, 5,000 u 8,000. Hekk jirrizulta mid-dokumenti esebiti u hekk ukoll irrizulta mix-xiehda tar-rapprezentant tal-Bank.

L-unici dokumenti li ma jaqblux mad-dokumenti tal-*pledges* ezebiti huma dawk a fol 7 u a fol 8 ta` l-atti tas-subbasta numru 22/2012.

F`dawn id-dokumenti, jinghad illi l-*pledge* vigenti a tenur tal-ftehim tal-5 ta` Lulju 2001 kienet giet ridotta minn 62,894 ghal 31,894-il sehem. Madanakollu ma gew ezebiti l-*pledge over securities documents* li jsostnu dawn il-figuri.

Id-dokumenti esebiti juru total ta` ishma moghtija b`rahan fil-figura ta` 50,000.

Jekk isir kalkolu tal-valur ta` dawn il-50,000 sehem, jirrizulta mill-figuri li jidhru fid-dokument a fol 142 tal-process, li dawn inbieghu ghall-prezz ta` EUR 53,945. Ma` dan l-ammont irid jizdied l-persentagg ta` *accrued interest* ta` 25 jum ammontanti ghal EUR 219.09c. Minn dawn l-ammonti, iridu jitnaqqsu *transaction charges u commissions* ammontanti fis-somma ta` EUR 194.37c.

**B`hekk, l-ammont li fuqu l-Bank jgawdi minn rahan huwa EUR 53,969.72c.**

Dan il-kontegg sar abbazi tas-*sale contract note* a fol 142.

Taghmel referenza ghal dawn id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili :-

**L-Art 1966(1)** li jaqra :

> *Ir-rahan jaghti lill-kreditur il-jedd li jithallas minn fuq il-haga mirhuna bi privilegg fuq kredituri ohra kif jinghad fit-Titolu XXIII.*

**L-Art 2009(a)** li jghid :-

> *Il-krediti privileggati fuq hwejjeg mobbli partikolari huma :*
>
> *(a) il-kreditu ta` min jiehu r-rahan, fuq il-haga li jkollu f`idejh b`titolu ta` rahan ; …"*

**L-Art 2089** li jistipola :

> *"Il-krediti li ghandhom privilegg generali skont l-artikolu 2003 (a), (b) u (c) jithallsu qabel dawk li ghandhom privilegg xort`ohra, minn barra biss il-kreditu ta` dak li jkollu rahan f`idejh, kif imsemmi fl-artikolu 2009(a)."*

**L-Art 2003(a)** li jaqra :

> *"Il-krediti privileggati fuq il-beni kollha ta` kull xorta, huma : (a) l-ispejjez gudizzjarji … "*

Min ghandu rahan fil-pussess tieghu jippregradwa anke l-ispejjez gudizzjarji.

**Il-Qorti tghid li fuq l-ammont ta` EUR 53,969.72c, Bank of Valleta plc ghandha tippregradwa l-kredituri konkorrenti l-ohra.**

**Dan premess, ikompli jinghad illi billi c-cedola ta` depozitu saret ghall-ammont ta` EUR 92,184.56c, allura ghall-bilanc ta` EUR 38,214.84c (EUR 92,184.56 – EUR 53,969.72) il-Bank ma jippregradwax bis-sahha tar-rahan.**

Dwar dan il-bilanc, il-Qorti tqis illi l-uniku kreditur konkorrent li mhuwiex kreditur kirografarju huwa Tamarac Limited, peress li din il-kumpannija ghandha favur taghha ipoteka generali numru 3742/2011 registrata fis-17 ta` Marzu 2011 (ara fol 54).

Il-kredituri l-ohra huma lkoll kredituri kirografarji.

Ghar-rigward ta` Paul Camilleri, irrizulta li l-kreditu tieghu huwa ghal hlas ta` salarji.

Issa l-**Art 20 tal-Kap 452** ighid :-

> *"Minkejja d-dispozizzjonijiet ta` kull ligi ohra, l-jedd ta` kull impjegat ghal massimu ta` tliet xhur paga skont il-paga kurrenti pagabbli mill-principal lill-impjegat, u l-kumpens ghall-leave li l-impjegat jista` ikollu jedd ghalih, flimkien ma` kull kumpens li jkun dovut lill-impjegat ghat-temm tal-impieg, jew kull avviz dwaru, jkun jedd bi privilegg fuq l-attiv tal-principal u ghandu jithallas bi preferenza fuq kull jedd iehor sew jekk bi privilegg jew ipotekarju:*

> *Izda, f`kull kaz, l-ammont massimu tal-jedd bi privilegg ma ghandux ikun aktar mill-ekwivalenti tal-paga minima nazzjonali li tithallas fil-waqt meta ssir it-talba fuq perjodu ta` sitt xhur."*

Ghalhekk il-kreditu ta` Paul Camilleri ghandu jippregradwa l-kreditu ta` Tamarac Limited sal-massimu tal-paga kurrenti pagabbli mill-principal lill-impjegat skont l-Art 20 tal-Kap 452.

Il-Qorti tqis illi qabel il-krediti ta` Paul Camilleri u Tamarac Limited, jippregwadwaw l-ispejjez gudizzjarji relatati mal-bejgh tal-mobbli u l-konkors tal-kredituri.

**Ghalhekk ghall-ammont ta` <u>EUR 38,214.84c</u>, il-gradwazzjoni ghandha tkun hekk :-**

**i)** **<u>Fl-ewwel grad</u>**,

**L-ispejjez gudizzjarji relattivi ghall-procedura tas-subbasta u ghall-konkors ta` kredituri odjern.**

**ii)** **<u>Fit-tieni grad</u>**,

**<u>Paul Camilleri</u>**

Ghas-somma li tasal sal-massimu stabbilit bil-ligi tal-paga kurrenti pagabbli mill-principal lill-impjegat skont l-Art 20 tal-Kap 352, u cioe` sal-massimu ta` tliet xhur paga skont il-paga kurrenti pagabbli mill-principal lill-impjegat, u l-kumpens ghall-leave li l-impjegat jista` ikollu jedd ghalih, flimkien ma` kull kumpens li jkun dovut lill-impjegat ghat-temm tal-impieg, jew kull avviz dwaru, b` dana illi f`kull kaz, l-ammont massimu tal-jedd bi privilegg ma ghandux ikun aktar mill-ekwivalenti tal-paga minima nazzjonali li tithallas fil-waqt meta ssir it-talba fuq perjodu ta` sitt xhur.

**iii)** **<u>Fit-tielet grad</u>**
**(jekk ikun jifdal flus)**

**Tamarac Limited**

Ghas-somma ta` EUR 20,330 bl-imghax dekors sad-data ta` meta dan il-gudizzju isir finali ; u ghalhekk il-kreditur ikun jista` jizbanka minnufih.

**iv) Fir-raba` grad,**
**(jekk ikun jifdal flus)**

**Ghandhom jithallsu *pro rata* il-kredituri l-ohra : Bank of Valletta plc ; Paul Camilleri ghal kwalunke bilanc li jkun ghadu dovut lilu ; Alberta Fire and Security Equipment Limited ; u Perit Stephen Serracino Inglott.**

**VIII. L-ispejjez ta` dan il-konkors**

Il-Bank jikkontendi illi kien kostrett jaghti bidu ghall-procediment tal-lum minhabba l-posizzjoni li ha r-Registratur tal-Qorti kif imfissra minn Emanuel Sciriha fid-deposizzjoni tieghu.

Il-Bank jishaq illi r-Registratur tal-Qorti holoq problema meta ha d-decizjoni li ma jaghmel ebda rilaxx ta` flus li kienu depozitati bic-cedola, minkejja d-digriet li kien jawtorizza l-izbank.

Il-Bank isostni wkoll illi uhud mill-kredituri tal-konjugi Fenech kienu pprezentaw mandati ta` sekwestri kontra d-debituri, liema mandati gew milqugha. Dawk il-kredituri baqghu joggezzjonaw ghall-izbank ta` l-ammont depozitat minkejja li kien ipprezentat protest gudizzjarju fejn kienu nterpellati li fin-nuqqas li jadempixxu rwiehhom, il-kredituri kienu ser jinzammu responsabbli ghal danni (fol 146 sa 148).

Filwaqt illi tifhem il-posizzjoni tal-Bank, il-Qorti tifhem ukoll dik tar-Registratur tal-Qorti.

**Il-Qorti qeghda tesprimi ruhha *obiter* fis-sens illi jkun jaghmel bil-ferm aktar sens, jekk rinfaccjat b`sitwazzjoni ta` konflitt apparenti, bhal ma gara fil-kaz tal-lum, ir-Registratur tal-Qorti, li ghandu hatra ta` responsabilita` pubblika regolata bil-Kap 12, igib ghall-ahjar direzzjoni u konjizzjoni ta` dik il-Qorti li tkun trid taghti**

**provvediment, il-fatti u cirkostanzi rilevanti, li jista` jkollhom effett fuq il-gudizzju taghha – kollox inkluz u xejn eskluz.**

**Dan premess, il-Qorti tishaq illi r-Registratur tal-Qorti mhuwiex parti fil-procediment tal-lum. Ghalhekk is-sottomissjoni tal-Bank illi r-Registratur tal-Qorti ghandu jbati xi parti mill-ispejjez ta` din il-procedura qeghda tkun respinta.**

**Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li abbazi tar-risultanzi hekk kif fuq spjegati, u bil-mod kif zvolgiet din il-kwistjoni, irrizulta li <u>tassew</u> kien hemm il-htiega tal-procediment tal-lum,**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment billi :–**

**Tiddikjara u tordna illi mill-ammont ta` tnejn u disghin elf mija erbgha u tmenin Ewro sitta u hamsin centezmu (EUR 92,184.56) li kien depozitat bis-sahha ta` Cedola ta` Depozitu Numru 838/2013 fl-ismijiet premessi, is-somma ta` tlieta u hamsin elf disa` mija disgha u sittin Ewro tnejn u sebghin centezmu (EUR 53,969.72) ghandha tithallas lil Bank of Valletta p.l.c.**

**Tiddikjara u tordna illi l-bilanc fl-ammont gia` tmienja u tletin elf mitejn u erbatax-il Ewro erbgha u tmenin centezmu (EUR 38,214.84c) ghandu jithallas bil-mod illi gej :-**

**Fl-ewwel grad, ghandu jithallas Bank of Valletta p.l.c. ghall-ispejjez gudizzjarji relattivi ghall-procedura tas-subbasta.**

**Ghar-rigward tal-ispejjez ta` dan il-procediment, tordna li kull kreditur konkorrent ihallas l-ispejjez tieghu skont il-kreditu li kien qieghed jippretendi li jithallas.**

**Fit-tieni grad, ghandu jithallas Paul Camilleri dak l-ammont massimu tal-paga kurrenti pagabbli mill-principal lill-impjegat skont**

**l-Art 20 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta` Malta, ossija ghal massimu ta` tliet xhur paga skont il-paga kurrenti pagabbli mill-principal lill-impjegat, u l-kumpens ghal-leave li l-impjegat jista` ikollu jedd ghalih, flimkien ma` kull kumpens li jkun dovut lill-impjegat ghat-temm tal-impieg, jew kull avviz dwaru, b`dana illi f`kull kaz, l-ammont massimu tal-jedd bi privilegg ma ghandux ikun aktar mill-ekwivalenti tal-paga minima nazzjonali li tithallas fil-waqt meta ssir it-talba fuq perjodu ta` sitt xhur.**

**Fit-tielet grad, jekk ikun jifdal flejjes, ghandha tithallas is-socjeta` Tamarac Limited is-somma ta` ghoxrin elf tliet mija u tletin (EUR 20,330) bl-imghax dekors fuq dak is-sorte sad-data ta` meta dan il-gudizzju isir finali b`dan illi l-kreditur ikun jista` jizbanka minnufih.**

**Fir-raba` grad, fil-kaz illi jkun fadal flejjes ohra, ghandu jsir hlas *pro rata* lill-kredituri l-ohrajn kollha, inkluz Paul Camilleri ghal kwalunke bilanc li jkun ghadu dovut lilu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**